MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Numru. 246/2013

**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**VS**
**JOHANN GRECH**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Johann Grech ta’ 28 sena, bin Albert u Anna nee’ Mallia, mwieled Pieta’ fit- 3 ta’ Frar 1985, residenti 21B, Triq l-Isptar, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 108885M;

Talli nhar il- 11 ta’ Novembru 2012, ghal habta tal- 03.45am gewwa Triq iz- Zenqa, Naxxar;
1) Volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal madwar €300 u dan ghad- detriment ta’ Sven Agius;
2) Kif ukoll talli fl- istess lok, data u cirkostanzi saq vettura b’ manjiera perikoluza, bla kont traskuragni u negligenti u bi speed ecessiv;

3) Ukoll talli ikkommetta reat iehor waqt li kienet operattiva sentenza sospiza Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl- ismijiet Pulizija VS Johann Grech nhar id- 9 ta’ Jannar 2012;

4) Irrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m’ghandha ebda triq ohra hlief li ssibu hati. Madankollu, irrisulta li qabel ma nbdew dawn il-proceduri, l-imputat hallas ghas-saldu lill-parti leza ghad-danni kkawzati minnu, li ghalhekk kien qed jirrinunzja ghal kull pretensjoni li kellu kontra l-imputat. Irrisulta wkoll li t-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet ma rrisultawx skond il-fedina penali esebita fl-atti, u ghalhekk il-Qorti rat li setghet tinghata piena ta’ multa.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325, 28A, 28G, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ mitejn u tletin ewro (€230). Il- Qorti tordna s- sospensjoni tal- licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal xahar.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------